

**Paġna ewlenija>Drittijietek>Imputati (proċeduri kriminali)**

Il-verzjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

Swipe to change

**I-Olandiż****Imputati (proċeduri kriminali)**

Belġju

Dawn l-iskedi informattivi jispjegaw dak li jiġri meta wieħed ikun issuspettat b'reat ittrattat permezz ta' proċess quddiem qorti. Għal tagħrif dwar kontravvenzjonijiet minuri bħal kontravvenzjonijiet tat-traffiku li normalment ikunu punibbli b'piena fissa bħal multa, ara l-iskeda informattiva 5. Jekk inti vittma ta' xi reat, inti tista' ssib tagħrif sħiħ dwar id-drittijiet tiegħek hawnhekk.

**Il-proċedura kriminali fil-qosor**

Hawn taħt ser issib tagħrif fil-qosor dwar l-istadji normali ta' proċedura kriminali

**Il-qrati istruttorji**

Il-Kamra tal-Kunsill u x-chambre des mises en accusation (fuq appell) huma qrati istruttorji. Dawn jivverifikaw il-legalità tal-mandat ta' arrest, jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar l-arrest preventiv, jassiguraw il-kontroll tal-investigazzjoni u jiddeċiedu dwar ir-rinviju eventwali quddiem qorti kompetenti.

Proċedura quddiem il-Kamra tal-Kunsill:

taħrika permezz ta' ittra rreġistrata;

konsultazzjoni tal-atti tal-proċess;

talba sabiex jitlestha x-xogħol addizzjonali qabel is-seduta;

smiġh dwar l-eżistenza ta' provi suffiċjenti sabiex wieħed jiġi akkużat;

il-każ jiġi ddeliberat u tiġi f'fissata l-ġurnata tal-qari tas-sentenza;

qari tas-sentenza tar-rinviju. Ħlief f'każ ta' eċċezzjoni legali, l-akkużat m'għandu l-ebda dritt li jappella kontra din id-deċiżjoni.

**Il-qrati kriminali**

Jekk inti tiġi akkużat b'delitt (reat punibbli b'multa ta' mill-inqas 26 Euro u/jew bi priġunerija ta' tmint ijiem sa 5 sena), inti titressaq quddiem il-qorti kriminali li tistabbilixxi jekk intix ħati tal-fatti attribwiti lilek, tippronunzja l-liberazzjoni jew il-kundanna tiegħek, u eventwalment tistabbilixxi l-ammont ta' flus li għandu jingħata bħala kumpens għad-danni lill-vittmi. Il-qorti kriminali tista' ttik piena massima ta' 20 sena priġunerija għal delitt imnaqqas bil-liġi għal-livell ta' reat serju.

Proċedura quddiem il-qrati kriminali:

taħrika mill-marixxall;

konsultazzjoni tal-atti tal-proċess;

smiġh quddiem il-qorti;

deliberazzjoni tal-imħallef għal xahar;

qari tas-sentenza;

dritt ta' appell.

**Il-Qorti Kriminali (cour d'assises)**

Jekk inti tiġi akkużat b'reat (vjolazzjoni punibbli bil-piena massima ta' priġunerija għal għomrok), inti titressaq quddiem il-Qorti Kriminali. Ġurija kkostitwita minn 12-il ġurat magħżula minn fost il-pubbliku tiddeċiedi jekk intix ħati tal-akkużi. Flimkien mal-qorti, li tkun magħmula minn tliet imħallfin, dawn il-ġurati jiddeċiedu liema piena se tiegħu, jekk inti tinstab ħati. Madankollu hija l-qorti li tiddeċiedi l-kumpens u l-interessi għad-danni li għandhom jingħataw lill-vittmi, jekk dawn jitolbuhom.

**Proċedura quddiem il-Qorti Kriminali:**

sentenza ta' rinviju tax-chambre des mises en accusation, u taħrika mill-marixxall;

konsultazzjoni tal-atti tal-proċess (tista' titlob kopja bla ħlas);

smiġh preliminari: issir il-lista tax-xieħda, u dik tal-ġurati bil-polza;

smiġh tal-kawża;

diskussjoni dwar il-ħtija, imbagħad eventwalment dwar is-sentenza, u wara dwar l-interessi ċivili;

l-ebda appell (possibbiltà ta' appell fil-qorti tal-Kassazzjoni).

Inti tista' ssib dettalji dwar dawn l-istadji kollha tal-proċedura u dwar id-drittijiet tiegħek fl-iskedi informattivi. Dan it-tagħrif m'għandux jieħu post il-konsultazzjoni ma' avukat u għandu jservi biss bħala gwida.

**Ir-rwol tal-Kummissjoni Ewropea**

Jekk jogħġbok innota li l-Kummissjoni Ewropea m'għandha l-ebda rwol fil-proċeduri kriminali fl-Istati Membri u ma tistax tgħinek jekk tixtieq tilment. Dawn l-iskedi informattivi jgħidulek kif għandek tressaq l-ilment tiegħek u quddiem min.

**Ikklikkja fuq il-links ta' hawn taħt sabiex issib l-informazzjoni li teħtieġ****1 – Konsultazzjoni ma' avukat****2 – Id-drittijiet tiegħi waqt l-inkjesta**

Arrest u interrogatorju mill-pulizija

Il-fajl tal-informazzjoni

Il-fajl tal-investigazzjoni

Każ partikolari: l-arrest preventiv

L-għeluq tal-investigazzjoni

**3 – Id-drittijiet tiegħi waqt il-proċess****4 – Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess**

## 5 – Kontravvenzjonijiet tat-traffiku u kontravvenzjonijiet minuri oħrajn

L-aħħar aġġornament: 28/06/2012

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.